MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Numru 1354/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**
**KONTRA**

**EMANUEL ATTARD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Emanuel Attard ta’ 62 sena, bin John u Emanuela nee’ Caruana, mwieled Bormla 26 ta’ Ottubru 1949, residenti Londra u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 864049M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fis- 6 ta’ Dicembru 2011 u fix- xhur ta’ qabel gewwa l-ajruport internazzjonali ta’ Malta, u bnadi ohra f’ dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta’ sigaretti minn gewwa l- fond gestit minn Nuance Group ghal valur ta’ €366 ghad-dannu ta’ Paul Salnitro;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissieta bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat huwa ta’ nazzjonalita’ maltija izda residenti Londra, u fis-6 ta’ Dicembru, 2011, kien ghadu diehel Malta minn Londra fl-ajruport ta’ Malta. Huwa qabad kwantita’ ta’ pakketti ta’ sigaretti u pprova johrog bihom mill-hanut gewwa l-ajruport stess minghajr ma jhallas, izda inqabad fil-fatt u ammetta li kien seraqhom. Il-Qorti tinsab perplessa kif persuna matura u ta’ certa eta’ jista’ jghaddilha mil-kuridur ta’ mohhha li taqbad u tisraq minn go hanut, qisu xejn m’hu xejn. Huwa minnu li l-imputat ammetta s-serq, izda huwa inkoncepibbli kif dahhal f’mohhu li jisraq is-sigaretti u mhux jixtrihom. Il-Qorti ma tista’ qatt taccetta dizonesta’ sfaccata ta’ persuni lesti jaghmlu qligh minn fuq haddiehor billi jisirqu hwejjeg haddiehor u jbieghuhom daqs li kieku kienu hwejjeg taghhom legittimi. Veru tal-misthija. Bhal li kieku

ghandhom xi dritt sagrosant jisirqu l-proprjeta’ ta’ terzi ghall-gwadann personali taghhom. Hekk jidher li ghamel l-imputat, u din il-Qorti m’hix ser taghti piena ta’ prigunerija effettiva semplicement ghax ir-res furtiva giet ritornata kollha, u l-imputat irregistra ammissjoni. It-terminu ta’ prigunerija sejra tinzamm sospiza ghal perijodu skond il-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------